MTIP-PM 30/19

**Ċirkulari MTIP/HR Nru. 16/2019**

Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u
Proġetti Kapitali
Direttorat tal-*People Management*
Blokk 'A',
Triq Francesco Buonamici,
Floriana FRN1700.

Data: 10 ta' Mejju 2019

Lis-Segretarji Permanenti
Lid-Diretturi Ġenerali
Lid-Diretturi
Lill-Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku

**POST TA' *SENIOR TECHNICAL OFFICER (CONSTRUCTION SITE MANAGEMENT)* FIL-MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPTALI**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur *(People Management)*, Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Senior Technical Officer (Construction Site Management)* fil-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

**Termini u kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta'sitt (6) xhur.

2.2 Is-salarju ta' *Senior Technical Officer (Construction Site Management)* huwa ta' Skala ta' Salarju 11, li fis-sena 2019 huwa ta' €18,743 fis-sena, li jiżdied b'€375.17 fis-sena sa massimu ta' €20,994.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Senior Technical Officer (Construction Site Management)* titla' għal *Senior Technical Officer (Construction Site Management)* fi Skala ta' Salarju 10 li fis-sena 2019 hu ta' €19,958 x €407.67 - €22,404 wara ħames (5) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Il-persuna nnominata tkun intitolata għall-benefiċċji oħra u soġġetta għallkundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern ta' Malta u l-Unions kompetenti.

2.5 Applikazzjonijiet laterali minn Uffiċjali Pubbliċi, li diġà għandhom ħatra fl-istess grad imsemmi f'din is-sejħa, huma aċċettati biss bil-kundizzjoni li l-ispeċjalizzazzjoni marbuta ma' din il-vakanza hija differenti minn dik relatata mal-ħatra kurrenti tal-applikanti u liema vakanza tirrikjedi kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit tal-eliġibbiltà, li l-applikant huwa mistenni li jissodisfa.

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Senior Technical Officer (Construction Site Management)* jinkludu:

a) tassisti lill-*Principal Technical Officer* jew superjuri oħra fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom inkluża l-laqgħa mal-iżviluppaturi u l-Partijiet Terzi rispettivament kemm fuq il-post kif ukoll fil-preċentenza tal-Uffiċċju ;

b) tagħmel superviżjoni, tippjana u tikkoordina d-dmirijiet tal-ħaddiema taħt il-kariga tagħha;

c) tkun ċerta li tinżamm l-imġieba tajba, id-dixxiplina, il-puntwalita', is-saħħa u sigurta' tal-ħaddiema li jaqgħu taħt il-kariga tagħha;

d) tgħin fl-proċċessar ta' rapporti dixxiplinari, u żżomm relazzjonijiet pubbliċi tajba;

e) tissorvelja l-progress tax-xogħol u tirraporta dwar problemi li jista' jinqalgħu;

f) tiffamiljarizza ruħha sew ma' liġijiet Maltin u tal-UE dwar regolamenti tal-bini u CE *marking* u żżomm ruħha aġġornata ma' żviluppi f'dawn l-oqsma kemm f'Malta kif ukoll fl-UE;

g) tipparteċipa f'kumitati tekniċi li għandhom x'jaqsmu mal- Uffiċċju għar-Regolamentazzjoni tal-Bini u dipartimenti u direttorati oħra fil-Ministeru;

h) tiskeda u tiġbor informazzjoni u data b'konnessjoni mar-regolamenti tal-bini u CE *markings* ta' prodotti tal-kostruzzjoni;

i) teżamina pjanti u disinji u tirrapporta dwar il-konformita' tagħhom mar-regolmenti tal-bini;

j) twettaq spezzjonijiet fuq siti ta' bini tax-xogħol kif ukun meħtieg biex taqdi l-funzjonijiet ta' dan il-post;

k) tirrappreżenta l-Ministeru meta u x'ħin mitlub minnha skont il-ligi;

l) teżerċita b'mod tajjeb dawk il-poteri li jkunu delegati lilha dwar materja li għandha x'taqsam mar-regolamenti tal-bini;

m) jikkoordina ma *staff* maniġerjali fl-Ufficcju għar-Regolamentazzjoni tal-Bini fl-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-implementazzjoni tal-programmi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali u jiġu mwettqa kompiti ewlenin tal-Ministeru;

n) tikkoordina mal- Units/Sezzjonijiet oħra fl-Miniteru, Dipartmenti tal-Gvern u Entitajiet fl-eżekuzzjoni tax-xogħol fdat lilha jew lill-ħaddiema li jaqgħu taħt il-kariga tagħha;

o) twettaq dmirijiet oħra skont kif assenjati mis-Segretarju Permanenti u/jew ir-rappreżentant/a/i tiegħu;

p) twettaq dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku u skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma mislufin/*detailed/deployed /attached* ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku li:

(a) fil-grad ta' *Technical Officer* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, li l-ħatra tagħhom f'dan il- grad tkun ġiet ikkonfermata;

**JEW**

(b) Huma kkonfermati f'ħatra kurrenti jew ħatra relatata ta' qabel u li għandhom *Higher Technician Diploma* f'Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal-minimu ta' 60 ECTS/ECVET credits, jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fil-*Construction Site Management* jew kwalifika komparabbli fl-Livell 5 tal-MQF.

**JEW**

(c) ikollhom kwalifika rikonoxxuta (sentejn *full-time* jew ekwivalenti) f'Livell 4 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 120 ECTS/ECVET kreditu jew ekwivalenti) fil-*Construction Site Management* jew kwalifika komparabbli, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza xierqa u ppruvata u li jkunu konfermati f' ħatra kurrenti jew ħatra relatata ta' qabel;

Il-*Higher Technician Diploma* hija meqjusa bħala kwalifika f'Livell 5 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 kreditu ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti). Persuna li jkollha kwalifika rikonoxxuta f'Livell 4 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 120 kreditu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti), segwita b'sentejn (2) esperjenza xierqa u ppruvata, titqies bħala li tissodisfa l-klawsola '*Higher Technician Diploma*' jew kwalifika xierqa u ekwivalenti li tinsab f'paragrafu 4.1 (b)

4.2 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale.*

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbilta' għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.3 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eligibbilità, basta jkunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-krediti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibilita' ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

**Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun *scanned* u mibgħuta permezz tar-*Recruitment Portal* fuq https://recuritment.gov.mt. Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn ta' xogħol (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taħt l-ebda ċirkostanza.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 - 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-sezzjoni tar-Reklutaġġ fil-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, permezz tar-*Recruitment Portal* **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu curriculum vitae (li għandu

jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u *Service and Leave Record Form* (GP 47) aġġornat, f'format pdf, li għandhom ikunu *uploaded* permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar (*Central European Time*) ta' nhar **il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju 2019**. Ittra elettronika ġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

**Provvedimenti ġenerali oħra**

8. Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita';
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
- pubblikazzjoni tar-riżultat
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati ;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx jew jinkisbu mid-Direttorat tal-People Management, fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

L-indirizz elettroniku tad-Direttorat huwa recruitment.mtip@gov.mt.

Doreen Cardona
Direttur Sostitut (*People Management*)
Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali

DC/np